SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

29 ta' Settembru 2011 *

Fil-Kawża C-520/09 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fl-14 ta' Diċembru 2009

**Arkema SA**, stabbilita f'Colombes (Franza), irrappreżentata minn M. Debroux, avukat,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn A. Bouquet u F. Castillo de la Torre, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenuta fl-ewwel istanza,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn J. N. Cunha Rodrigues, President tal-Awla, A. Arabadjiev, A. Rosas, A. Ó Caoimh (Relatur) u P. Lindh, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,
Reġistratur: B. Fülöp, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-25 ta' Novembru 2010,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-17 ta' Frar 2011,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 Permezz tal-appell tagħha, il-kumpannija Arkema SA (li kienet Elf Atochem SA, imbagħad Atofina SA, iktar 'il quddiem "Arkema" jew l-"appellanti") titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej (li issa saret il-"Qorti Ġenerali"), tat-30 ta' Settembru 2009, Arkema vs Il-Kummissjoni (T-168/05, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), li permezz tagħha hija ċaħdet ir-rikors tagħha intiż, prinċipalment, għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2004) 4876 finali, tad-19 ta' Jannar 2005, dwar proċedura skont

l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/E-1/37.773 — AMCA) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni inkwistjoni"), u, sussidjarjament, għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa li ġiet imposta fuqha.

**Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni inkwistjoni**

2 Il-fatti li wasslu għal-kawża kif ukoll id-deċiżjoni inkwistjoni, hekk kif jirriżultaw mill-punti 2 sa 31 tas-sentenza appellata, jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej għall-finijiet ta' dan l-appell.

3 Permezz tad-deċiżjoni inkwistjoni, il-Kummissjoni Ewropea kkonstatat li, fost oħrajn, l-appellanti u l-kumpannija parent tagħha Elf Aquitaine SA (iktar 'il quddiem "Elf Aquitaine"), kienu kisru l-Artikoli 81 KE u 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta' Mejju 1992 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 52, p. 3) minħabba l-parteċipazzjoni tal-appellanti f'akkordju illegali li jikkonċerna s-suq tal-aċidu monokloroaċetiku (iktar 'il quddiem l-"AMCA").

4 Il-Kummissjoni imputat lil Elf Aquitaine u lill-appellanti r-responsabbiltà għall-ksur għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 1984 sas-7 ta' Mejju 1999. Filwaqt li ċaħdet l-argumenti kuntrarji ppreżentati minn Elf Aquitaine, il-Kummissjoni qieset li l-fatt li din tal-aħħar kienet iżżomm 98 % tal-azzjonijiet ta' Atofina SA kien biżżejjed sabiex tiġi imputata lilha r-responsabbiltà għall-atti tas-sussidjarja tagħha. Barra minn hekk, hija qieset li l-fatt li Elf Aquitaine ma kinitx ipparteċipat fil-produzzjoni u fil-bejgħ tal-AMCA ma kienx jimpedixxi li hija tiġi kkunsidrata bħala li tifforma parti minn unità ekonomika mal-unitajiet operazzjonali tal-grupp.

5 L-ammont tal-multi ġie stabbilit mill-Kummissjoni skont il-Linji ta' gwida [tagħha] dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi imposti skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u l-Artikolu 65(5) tat-Trattat [KEFA] (ĠU 1998, C 9, p. 3 iktar 'il quddiem il-"linji gwida tas-sena 1998"), u skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' impożizzjoni jew it-tnaqqis ta' multi f'każijiet ta' kartell (ĠU 1996, C 207, p. 4, iktar 'il quddiem il-"komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni").

6 Peress li kkonstatat li Elf Atochem SA diġà kienet id-destinatarja tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/599/KE, tas-27 ta' Lulju 1994, dwar proċedura skont l-Artikolu [101 TFUE] (ĠU L 239, p. 14), il-Kummissjoni qieset li kellha tiġi applikata żieda minħabba reċidività biss fuq l-appellanti u mhux fuq ELF Aquitaine għaliex din tal-aħħar ma kinitx tikkontrolla lill-appellanti fiż-żmien tal-ewwel ksur.

7 Għaldaqstant hija imponiet, minbarra l-multa ta' EUR 45 miljun imposta flimkien u *in solidum* fuq Elf Aquitaine u fuq l-appellanti, multa seperata ta' EUR 13.5-il miljun fuq l-appellanti biss sabiex tieħu konjizzjoni tal-aġir reċidiv tagħha.

**Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata**

8 Hekk kif jirriżulta mill-punt 38 tas-sentenza appellata, permezz tar-rikors tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, l-appellanti, essenzjalment, talbitha, prinċipalment, tannulla d-dispożittiv tad-deċiżjoni inkwistjoni sa fejn jikkonċerna lil Elf Aquitaine u, sussidjarjament, tnaqqas l-ammont tal-multi imposti fuq Elf Aquitaine kif ukoll fuqha.

9 Mill-punti 40 sa 42 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-appellanti prinċipalment ressqet tmien motivi insostenn tar-rikors tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali. B'mod partikolari l-appellanti bbażat l-ewwel motiv fuq nuqqas ta' osservanza tar-regoli li jirregolaw l-imputabbiltà lil kumpannija parent tal-prattiki tas-sussidjarja tagħha u fuq it-trattament diskriminatorju tal-grupp Elf Aquitaine, it-tieni motiv fuq ksur tal-prinċipju ta' awtonomija ġuridika u kummerċjali tas-sussidjarja kif ukoll il-ħames motiv fuq nuqqas ta' motivazzjoni. Sussidjarjament l-appellanti invokat ukoll d-disa' motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità fid-determinazzjoni tal-koeffiċjent ta' multiplikazzjoni għall-finijiet ta' dissważjoni sa fejn il-Kummissjoni kienet ikkunsidrat darbtejn id-dħul mill-bejgħ ta' Arkema.

10 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motivi kollha mressqa kemm prinċipalment kif ukoll sussidjarjament u kkundannat lill-appellanti għall-ispejjeż.

11 Fil-kuntest tal-ewwel motiv quddiem il-Qorti Ġenerali, l-appellanti essenzjalment, b'mod partikolari, ikkontestat l-imputabbiltà tar-responsabbiltà għall-ksur tagħha lil Elf Aquitaine, il-kumpannija parent tagħha fiż-żmien tal-ksur, billi allegat li ma segwietx politika stabbilita minn Elf Aquitaine.

12 F'dan ir-rigward, fil-punt 67 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali indikat kif ġej:

"Fil-każ partikolari fejn kumpannija parent iżżomm 100% tal-kapital tas-sussidjarja tagħha awtriċi ta' aġir li jikkostitwixxi ksur, teżisti preżunzjoni sempliċi li l-imsemmija kumpannija parent teżerċita influwenza determinanti fuq l-aġir tas-sussidjarja tagħha [...] u li dawn għaldaqstant jikkostitwixxu impriża waħda skont l-Artikolu 81 KE [...]. Għaldaqstant hija l-kumpannija parent li qed tikkontesta quddiem il-qorti Komunitarja deċiżjoni tal-Kummissjoni li timponilha multa għal aġir imwettaq mis-sussidjara tagħha li għandha tikkonfuta din il-preżunzjoni billi tipproduċi provi li jistgħu juru l-awtonomija ta' din tal-aħħar [...]. Jekk il-preżunzjoni ma tistax tiġi

kkonfutata, il-Kummissjoni tkun f'pożizzjoni, sussegwentement, li tikkunsidra lill-kumpannija parent responsabbli *in solidum* għall-ħlas tal-multa imposta fuq is-sussidjarja tagħha."

13 Fil-punt 71 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, sa fejn kważi l-kapital kollu tal-appellanti kien miżmum, fiż-żmien tal-ksur, minn Elf Aquitaine, il-Kummissjoni setgħet ġustament tippreżumi n-nuqqas ta' awtonomija tal-appellanti fir-rigward tal-kumpannija parent tagħha u tikkunsidra li kienet din tal-aħħar li kellha tipproduċi provi li juru li s-sussidjara tagħha kienet tiddetermina b'mod awtonomu l-linja ta' azzjoni tagħha fis-suq.

14 Fir-rigward tan-numru ta' indizji u ta' provi prodotti mill-appellanti bil-għan li turi l-awtonomija tagħha, il-Qorti Ġenerali qabel kollox ikkonstatat, fil-punt 73 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni inkludiet, fil-premessa 267 tad-deċiżjoni inkwistjoni, l-argumenti mressqa minn Elf Aquitaine fir-risposta tagħha għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Hija sussugwentement irrilevat, fil-punt 74 tas-sentenza appellata li "l-argumenti tar-rikorrenti intiżi biex jippruvaw l-awtonomija tagħha tressqu wkoll mill-kumpannija parent tagħha, fir-risposta tagħha għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, biex jiġi ppruvat in-nuqqas ta' eżerċizzju minnha ta' influwenza determinanti fuq il-politika kummerċjali tas-sussidjarja tagħha".

15 F'dan ir-rigward, fil-punt 75 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali indikat li meta rrifjutat l-argumenti ppreżentati mill-kumpannija parent, il-Kummissjoni rrispondiet globalment liż-żewġ kumpanniji u eżaminat, skont il-ġurisprudenza, jekk il-kumpannija parent kinitx ipproduċiet, sabiex tiġi kkonfutata l-preżunzjoni, provi li juru li s-sussidjarja tagħha kienet tiddetermina b'mod awtonomu l-linja ta' azzjoni tagħha fis-suq.

16 Fil-punti 76 sa 80 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali segwiet ir-raġunament tagħha bil-mod kif ġej:

"76 Fir-rigward tal-fondatezza tal-provi prodotti mir-rikorrenti biex turi l-awtonomija tagħha hemm lok li jiġi rrilevat li l-fatt li Elf Aquitaine hija biss holding mhux operattiva, li tintervjeni minimament fil-ġestjoni tas-sussidjarji tagħha, ma jistax ikun biżżejjed biex jiġi eskluż li hija teżerċita influwenza determinanti fuq l-aġir tar-rikorrenti partikolarment billi tikkoordina l-investimenti finanzjarji fi ħdan il-grupp Elf Aquitaine. Fil-fatt, fil-kuntest ta' grupp ta' kumpanniji, kumpannija holding li b'mod partikolari tikkoordina l-investimenti finanzjarji fi ħdan il-grupp hija intiża li tiġbor flimkien holdings f'diversi kumpanniji u għandha l-funżjoni li tiżgura l-unità fit-tmexxija tagħhom, b'mod partikolari, permezz ta' dan il-kontroll tal-baġit

77 F'dan ir-rigward għandu jiġi mfakkar li din ma hijiex relazzjoni ta' istigazzjoni, fir-rigward tal-ksur bejn il-kumpannija parent u s-sussidjarja u inqas u inqas implikazzjoni tal-ewwel fl-imsemmi ksur, iżda huwa l-fatt li dawn jikkostitwixxu impriża waħda li jawtorizza lill-Kummissjoni tindirizza d-deċiżjoni li timponi multi fuq il-kumpannija parent ta' grupp ta' kumpanniji.

78 Fir-rigward tal-fatt li r-rikorrenti qatt ma implementat, favur Elf Aquitaine, politika ta' informazzjoni speċifika fuq is-suq tal-AMCA, in-nuqqas ta' tali informazzjoni, jekk jiġi stabbilit, ma jistax ikun biżżejjed sabiex juri li r-rikorrenti kienet awtonoma fir-rigward tal-kumpannija parent tagħha.

79 L-istess japplika fir-rigwrd tal-argument li l-attività tal-AMCA hija żgħira fi ħdan il-grupp Elf Aquitaine, peress li dan ma huwiex tali li jipprova l-awtonomija [ta' Arkema] fir-rigward tal-kumpannija parent tagħha.

80 Ebda konklużjoni ma tista' tinstilet qabel kollox mill-fatt li ż-żewġ kumpannija kienu joperaw fi swieq distinti u ma kellhomx rabtiet bħala fornituri lill-klijenti. Fil-fatt, hekk kif il-Kummissjoni ġustament irrilevat fil-premessa 261 tad-deċiżjoni [inkwistjoni], hemm lok li jiġi kkunsidrat li, fi grupp bħal Elf Aquitaine, id-diviżjoni tal-kompiti tikkostitwixxi fenomenu normali li ma jikkonfutax il-preżunzjoni li Elf Aquitaine u Atofina [SA] jikkostitwixxu impriża waħda, skont l-Artikolu 81 KE"

17 Fil-punt 82 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wieġbet għall-argument tal-appellanti li huwa impossibbli li tiġi prodotta prova diretta u inkonfutabbli tal-awtonomija ta' aġir tagħha fis-suq u li tali prova kellha għalhekk tiġi kkwalifikata bħala "*probatio diabolica*". Dan il-punt 82 jipprovdi kif ġej:

"[...] ma huwiex meħtieġ li l-partijiet ikkonċernati jipproduċu prova diretta u inkonfutabbli tal-awtonomija tal-aġir tas-sussidjaja fis-suq iżda biss li huma jipproduċu provi li jistgħu juru din l-awtonomija [...]. Barra minn hekk, il-fatt li r-rikorrenti f'dan il-każ ma pproduċietx provi ta' natura li jikkonfutaw il-preżunzjoni ta' nuqqas ta' awtonomija ma jfissirx li din il-preżunzjoni ma tistax f'ebda każ tiġi kkonfutata. Għaldaqstant, l-argument tar-rikorrenti ma huwiex fondat."

18 Billi ċaħdet l-ewwel parti tal-ewwel motiv quddiemha, il-Qorti Ġenerali, ikkonkludiet fil-punt 85 tas-senetenza appellata li "l-Kummissjoni kellha d-dritt tqis li Elf Aquitaine u Arkema kienu jikkostitwixxu impriża waħda skont l-Artikolu 81 KE u li huma setgħu għaldaqstant jinżammu responsabbli *in solidum* għall-aġir li huma kienu akkużati bih, peress li l-atti mwettqa minn Arkema kienu għaldaqstant imputabbli lil Elf Auitaine, u, għaldaqstant, meqjusa li twettqu minnha".

19 Billi ċaħdet it-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' awtonomija ġuridika u kummerċjali tas-sussisdjara li jirriżulta mill-preżunzjoni tal-eżerċizzju ta' influwenza determinanti tal-kumpannija parent fuq is-sussidjarja, il-Qorti Ġenerali, b'mod

partikolari fil-punt 100 tas-sentenza appellata, iddeċidiet li, "għalkemm iż-żamma tal-kapital kollu jew ta' kważi l-kapital kollu tippermetti li jiġi preżunt li kumpannija parent teżerċita influwenza determinanti fuq l-aġir tas-sussidjarja tagħha u, għaldaqstant, li dawn jifformaw parti mill-istess impriża, din il-preżunzjoni ta' nuqqas ta' awtonomija tas-sussidjarja tista' tiġi kkonfutata mill-parti kkonċernata, li għandha tipproduċi provi biżżejjed [...]. Għaldaqstant din il-preżunzjoni, kif applikata f'dan il-każ, bl-ebda mod ma tqajjem dubju dwar l-awtonomija kummerċjali tas-sussidjarja."

20 Fil-kuntest taċ-ċaħda tagħha tal-ħames motiv, ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni li jivvizzja d-deċiżjoni inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 126 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni wieġbet għall-punti essenzjali tal-argumenti mressqa minn Elf Aquitaine. Fil-punt 127 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali indikat kif ġej:

"[...] il-Kummissjoni ma kinitx meħtieġa tirrispondi għall-oġġezzjonijiet kollha tar-rikorrenti. Fil-fatt, minn naħa, sakemm ir-risposta tal-Kummissjoni mogħtija fir-rigward tal-punti essenzjali tal-argumenti ta' Elf Aquitaine [...] ma tistax tiddiferixxi skont jekk hijiex inkwistjoni il-kumpannija parent jew is-sussidjarja tagħha, hija ma kellhiex għalfejn tirrispondi b'mod separat għall-argumenti tar-rikorenti (ara l-punt 75 iktar 'il fuq). [...]"

21 Fil-punt 205 tas-sentenza appellata, fil-kuntest taċ-ċaħda tagħha tad-disa' motiv, il-Qorti Ġenerali indikat kif ġej:

"L-argument li l-Kummissjoni kienet ikkunsidrat darbtejn id-dħul mill-bejgħ ta' Arkema [sabiex] iżżid il-multi bħala dissważjoni għandu jiġi miċħud. Fil-fatt, hemm lok li jiġi mfakkar li l-ammont tal-multa [ta' EUR13,5-il miljun] imposta fuq Arkema skont l-Artikolu 2(d) tad-Deċiżjoni [inkwistjoni] jikkorrispondi biss għaż-żieda minħabba r-reċidività applikata għall-ammont bażiku ipotetiku imnaqqas bit-tnaqqis ta' 40 % mogħti mill-Kummissjoni minħabba l-kooperazzjoni. Biex tagħmel dan, il-Kummissjoni ma kellhiex għażla oħra, jekk hija ma riditx titbiegħed mill-metodu ta'

kalkolu tal-linji gwida [tas-sena 1998], ħlief li tikkalkola mill-ġdid ammont bażiku ipotetiku kieku hija biss kienet ikkunsidrata responsabbli għall-ksur."

**It-talbiet tal-partijiet u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

22 L-appellanti titlob lill-Qorti Ġenerali tannulla s-sentenza appellata u tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

23 Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell u tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

**Fuq l-appell**

*Fuq l-ewwel aggravju, ibbażat fuq nuqqas ta' osservanza mill-Qorti Ġenerali tar-regoli li jirregolaw l-imputabbiltà tal-prattiki antikompettivi ta' sussidjara lill-kumpannija parent tagħha*

L-argumenti tal-partijiet

24 Skont l-appellanti, il-Qorti Ġenerali kkontradixxiet ruħha billi fakkret, minn naħa, fil-punt 67 tas-sentenza appellata, li l-preżunzjoni ta' influwenza determinanti

tal-kumpannija parent fuq is-sussidjarja tagħha hija "sempliċi" u tista' tiġi kkonfutata jekk il-kumpannija parent u/jew is-sussidjaraja tipproduċi/jipproduċu provi li juru l-awtonomija tal-aġir tas-sussidjarja, filwaqt li affermat, min-naħa l-oħra, fil-punt 76 tas-sentenza appellata, li kull kumpannija holding għandha bħala funzjoni li tiżgura l-unità fit-tmexxija tas-sussidjarji fi ħdan grupp ta' kumpanniji.

25 Skont Arkema, minn dan jirriżulta li l-preżunzjoni ta' influwenza determinanti tal-kumpannija parent hija fir-realtà inkonfutabbli. Il-Qorti Ġenerali, billi ħtieġet li l-appellanti tipproduċi provi li hija stess tafferma huma ġuridikament impossibbli, imponitilha "*probatio diabolica*"

26 Barra minn hekk, Arkema tqis li, billi imponitilha tipproduċi tali provi, il-Qorti Ġenerali kisret id-drittijiet tagħha għal smigħ xieraq, iggarantit mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950.

27 Il-Kummissjoni tqis li dan l-aggravju huwa inammissibbli peres li dan ma jikkontestax il-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Qorti Ġenerali fil-punti 78 sa 80 kif ukoll fil-punt 82 tas-sentenza appellata.

28 Barra minn hekk, fir-rigward tal-argumenti ta' Arkema, ibbażati fuq ksur tad-dritt għal smigħ xieraq, l-appellanti ma tindikax fiex jikkonsisti l-allegat ksur.

29 F'kull każ, mill-kliem tas-sentenza appellata jirriżulta li l-preżunzjoni ta' influwenza determinati ta' kumpannija parent fuq is-sussidjarja tagħha ma hijiex inkonfutabbli. Skont il-Kummissjoni, l-appellanti tixtieq fir-realtà tkun tista' tikkonfuta din il-preżunzjoni billi tillimita ruħha tafferma li l-kumpannija parent tagħha, Elf Aquitaine, kienet "holding mhux operattiva". Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, kieku s-sempliċi

fatt li f'ras grupp ikun hemm "holding mhux operattiva" kien biżżejjed sabiex tiġi ikkonfutata l-preżunzjoni, din ma tibqax iktar effettiva. Barra minn hekk, il-fatt li preżunzjoni tkun konfutabbli ma jfissirx li din għandha tkun faċli li tiġi kkonfutata

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

30 Fir-rigward tal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà stabbilita fil-punt 27 ta' din is-sentenza, hemm lok li jiġi rrilevat li l-Kummissjoni ssostni fir-realtà li dan l-aggravju huwa ineffettiv.

31 Issa, in-natura ineffettiva ta' aggravju invokat tirreferi għall-kapaċità tiegħu li jiffonda l-appell u ma taffettwax l-ammissibbiltà tiegħu (ara s-sentenzi tat-30 ta' Settembru 2003, Eurocoton *et* vs Il-Kunsill, C-76/01 P, Ġabra p. I-10091, punt 52, kif ukoll tas-6 ta' Novembru 2008, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, C-203/07 P, Ġabra p. I-8161, punt 42 u 43). Minn dan jirriżulta li hemm lok li l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà msemmija fil-punt 27 ta' din is-sentenza tiġi miċħuda.

32 Il-Kummissjoni ssostni li l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud, sa fejn dan ma jikkontestax espliċitament il-punti 78 sa 80 u 82 tas-sentenza appellata, dwar l-imputabbiltà lil kumpannija parent tal-prattiki tas-sussidjarja tagħha, li fihom infushom huma biżżejjed sabiex jissostanzjaw il-konstatazzjonijiet tas-sentenza appellata.

33 Dan l-argument ma jistax jintlaqa'.

34 Fil-fatt mis-sottomissjonijiet bil-miktub jirriżulta li l-argumentazzjoni ta' Arkema ssostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari fil-punt 76 tas-sentenza appellata, ikkontradixxiet lilha nnifisha, billi affermat il-prinċipju ta' preżunzjoni *juris tantum* li abbażi tagħha kumpannija parent li żżomm kważi l-kapital kollu ta' sussidjarja teżerċita influwenza determinanti fuq l-aġir ta' din tal-aħħar, filwaqt li timpedixxi irrimedjabbilment lil Arekema milli tipproduċi prova kuntrarja. Jekk tali argumentazzjoni kellha tintlaqa', id-dispożittiv tas-sentenza appellata kif ukoll, barra minn hekk, il-konstatazzjonijiet li jinsabu fl-imsemmija punti 78 sa 80 u 82 ikunu vvizjati bl-iżball ta' liġi allegat minn Arkema.

35 Barra minn hekk, minn nota ta' qiegħ il-paġna fit-talba mressqa minn Arkema jirriżulta li din espliċitament ikkonfutat il-punt 82 tas-sentenza appellata.

36 Għaldaqstant, l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv.

37 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-kunċett ta' impriża jkopri kull entità li teżerċita attività ekonomika, indipendentement mill-istatus ġuridiku ta' din l-entità u mill-mod ta' finanzjament tagħha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, minn naħa, li l-kunċett ta' impriża, imqiegħed f'dan il-kuntest, għandu jinftiehem bħala li jkopri unità ekonomika anki jekk, mill-perspettiva ġuridika, din l-unità ekonomika hija magħmula minn diversi persuni fiżiċi jew ġuridiċi u, min-naħa l-oħra, li fejn tali entità ekonomika tikser ir-regoli tal-kompetizzjoni, hija għandha, skont il-prinċipju ta' responsabbiltà personali, tirrispondi għal tali ksur (ara s-sentenzi tal-20 ta' Jannar 2011, General Química *et* vs Il-Kummissjoni, C-90/09 P, Ġabra p. I-1, punti 34 u 35 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tad-29 ta' Marzu 2011, ArcelorMittal Luxembourg vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs Arcelor Mittal Luxembourg *et*, C-201/09 P u C-216/09 P, Ġabra p. I-2239, punt 95).

38 Minn ġurisprudenza kostanti jirriżulta li l-aġir ta' sussidjarja jista' jiġi imputat lill-kumpannija parent b'mod partikolari meta, għalkemm ikollha personalità ġuridika distinta, din is-sussidjarja ma tiddeterminax b'mod awtonomu l-aġir tagħha fis-suq, iżda tapplika essenzjalment l-istruzzjonijiet mogħtija lilha mill-kumpannija parent, b'mod partikolari fir-rigward tar-rabtiet ekonomiċi, organizzazzjonali u ġuridiċi li jgħaqqdu lil dawn iż-żewġ entitajiet ġuridiċi (ara s-sentenza tal-10 ta' Settembru 2009, Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni, C-97/08 P, Ġabra p. I-8237, punt 58, kif ukoll General Química *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 37).

39 Fil-fatt, f'tali sitwazzjoni, peress li l-kumpannija parent u s-sussidjarja tagħha jagħmlu parti mill-istess unità ekonomika u b'hekk jiffurmaw impriża waħda għall-finijiet tal-Artikolu 81 KE, il-Kummissjoni tista' tindirizza deċiżjoni li timponi multi lill-kumpannija parent mingħajr ma jkollha għalfejn tistabbilixxi l-implikazzjoni personali ta' din tal-aħħar fil-ksur (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni, punt 59, kif ukoll General Química *et* vs Il-Kummissjoni, punt 38).

40 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, fil-każ speċifiku fejn kumpannija parent iżżomm 100 % tal-kapital tas-sussidjarja tagħha li tkun wettqet ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, minn naħa, din il-kumpannija parent tista' teżerċita influwenza determinanti fuq l-aġir ta' din is-sussidjarja, u, min-naħa l-oħra, teżisti preżunzjoni *juris tantum* li skontha l-imsemmija kumpannija parent effettivament teżerċita tali influwenza (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-25 ta' Ottubru 1983, AEG-Telefunken vs Il-Kummissjoni, 107/82, Ġabra p. 3151, punt 50; Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 60; General Química *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 39, kif ukoll ArcelorMittal Luxembourg vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs Arcelor Mittal Luxembourg *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 97).

41 F'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa biżżejjed li l-Kummissjoni tipprova li l-kapital kollu ta' sussidjarja huwa miżmum mill-kumpannija parent sabiex tippreżumi li din tal-aħħar teżerċita influwenza determinanti fuq il-politika kummerċjali ta' din is-sussidjarja. Il-Kummissjoni tkun f'pożizzjoni, sussegwentement, li tqis lill-kumpannija parent

responsabbli *in solidum* għall-ħlas tal-multa imposta fuq is-sussidjarja tagħha, sakemm din il-kumpannija parent, li għandha l-oneru li tikkonfuta din il-preżunzjoni, ma tipproduċix provi suffiċjenti li jistgħu juru li s-sussidjarja tagħha taġixxi b'mod awtonomu fis-suq (ara s-sentenzi tas-16 ta' Novembru 2000, Stora Kopparbergs Bergslags vs Il-Kummissjoni, C-286/98 P, Ġabra p. I-9925, punt 29; Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 61; General Química *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 40, kif ukoll ArcelorMittal Luxembourg vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs Arcelor Mittal Luxembourg *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 98).

42 F'dan il-każ, Arkema ma tikkontestax il-legalità tal-preżunzjoni tal-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti deskritta fil-punti 40 u 41 ta' din is-sentenza. Hija lanqas ma tikkontesta l-applikabbiltà, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, tal-istess preżunzjoni f'każ fejn kumpannija parent iżżomm 98 % tal-kapital tas-sussidjarja tagħha.

43 Arkema madankollu ssostni li r-raġunament tas-sentenza appellata jmur kontra l-ġurisprudenza msemmija fil-punti 38 sa 41 ta' din is-sentenza, billi tirrendi inkonfutabbli l-preżunzjoni tal-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti mill-kumpannija parent fuq is-sussidjarja tagħha.

44 F'dan il-kuntest, Arkema tqis, essenzjalment, li, billi affermat fit-tieni sentenza tal-punt 76 tas-sentenza appellata, li kumpannija holding "għandha l-funżjoni" li tiżgura "l-unità fit-tmexxija" tas-sussidjarji, il-Qorti Ġenerali rrendiet ġuridikament inkonfutabbli l-preżunzjoni ta' influwenza determinanti tal-kumpannija parent, fuq l-aġir tas-sussidjarja tagħha, peress li kull tentattiv biex tiġi ppruvata l-awtonomija tal-aġir fis-suq tas-sussidjarja jmur kontra l-funzjoni stess li l-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet lill-kumpanniji holding u għalhekk ikun predeterminat li jfalli.

45 Huwa veru li dan l-imsemmi punt 76 huwa fformulat b'mod li mhux faċli li jiġi rrikkonċiljat mal-ġurisprudenza msemmija fil-punti 38 sa 41 ta' din is-sentenza.

46 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li l-argumentazzjoni tal-appellanti stabbilita fil-punti 43 u 44 ta' din is-sentenza tirriżulta minn qari żbaljat tas-sentenza appellata fl-intier tagħha.

47 Fil-fatt, skont l-ewwel sentenza tiegħu l-imsemmi punt 76 jikkonċerna l-"fondatezza tal-provi prodotti mir-rikorrenti biex turi l-awtonomija tagħha" fir-rigward tal-kumpannija parent tagħha, b'mod partikolari "l-fatt li Elf Aquitaine hija biss holding mhux operattiva, li tintervjeni minimament fil-ġestjoni tas-sussidjarji tagħha". Barra minn hekk mill-elementi tal-proċess ipprovduti lill-Qorti Ġenerali jirriżulta li Arkema b'mod partikolari sostniet f'dan ir-rigward li hija kienet tgawdi minn "awtonomija fuq livell finanzjarju", peress li l-kontroll eżerċitat minn Elf Aquitaine kien limitat għall-investimenti jew għad-diżinvestimenti mwettqa minn Arkema li kellhom impatt fuq l-operazzjonijiet ta' finanzjament fit-tul tagħha", li qatt ma kkonċernaw l-attività tal-AMCA.

48 Fis-silta kontroversjali ta' dan il-punt 76, il-Qorti Ġenerali illimitat ruħha fil-fatt tafferma li ma huwiex eskluż li, minkejja l-fatt li ma tintervjenix direttament fis-suq, holding "mhux operattiva" tista' teżerċita influwenza determinanti fuq il-politika kummerċjali tas-sussidjarji tagħha, fid-dawl b'mod partikolari tal-funzjoni ta' koordinazzjoni u ta' tmexxija finanzjarja li hija għandha, u li, għaldaqstant, in-natura effettiva ta' tali eżerċizzju tista' tiġi preżunta meta l-kapital kollu jew kważi kollu tas-sussidjarja huwa miżmum mill-kumpannija parent. Dan huwa għaliex, fil-loġika tar-raġunament tal-Qorti Ġenerali, ma huwiex biżżejjed li tiġi invokata n-natura mhux operattiva tal-kumpannija parent biex tiġi kkonfutata l-preżunzjoni tal-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti fuq il-politika kummerċjali tas-sussidjarji, li tibqa' preżunzjoni sempliċi.

49 F'dan ir-rigward minn diversi punti tas-sentenza appellata, inklużi l-punti 67 u 82, jirriżulta li l-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-preżunzjoni inkwistjoni setgħet tiġi kkonfutata.

50 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-ilment ibbażat fuq nuqqas ta' osservanza tar-regoli li jirregolaw l-imputabbiltà lil kumpannija parent tal-prattiki tas-sussidjarja tagħha minħabba li l-Qorti Ġenerali affermat in-natura inkonfutabbli tal-preżunzjoni bbażata fuq iż-żamma mill-kumpannija parent tal-kapital kollu tas-sussidjarja tagħha ma huwiex fondat, peress li dan jirriżulta minn qari żbaljat tas-sentenza appellata.

51 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-argument ibbażat fuq ksur tad-dritt għal smigħ xieraq li jirriżulta mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ma jistax jiġi aċċettat għaliex huwa bbażat fuq premessa żbaljata.

52 Għaldaqstant hemm lok li l-ewwel aggravju jiġi miċħud

*Fuq it-tieni aggravju, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni*

L-argumenti tal-partijiet

53 Skont l-appellanti, l-affermazzjoni mill-Qorti Ġenerali tan-natura inkonfutabbli tal-preżunzjoni ta' influwenza determinanti tal-kumpannija parent fuq is-sussidjarja tagħha twassal ukoll għal ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bejn il-parteċipanti f'akkordju, skont jekk dawn jiffurmawx parti jew le minn grupp ta' kumpanniji.

54 Il-Kummissjoni tqis li t-tieni aggravju ma tantx jinftiehem u li dan ma jikkonċerna ebda motiv tas-sentenza appellata. Għaldaqstant dan għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

55 Peress li dan huwa bbażat fuq l-istess qari żbaljat tas-sentenza appellata li fuqu huwa bbażat l-ewwel aggravju, it-tieni aggravju għandu wkoll jiġi miċħud.

*Fuq it-tielet aggravju, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali u tad-dritt tal-appellanti għal smigħ xieraq*

L-argumenti tal-partijiet

56 L-appellanti ssostni li, bi tweġiba għall-ħames motiv żviluppat quddiem il-Qorti Ġenerali, din tal-aħħar eżaminat biss l-argumenti li tressqu quddiema minn Elf Aquitaine, u mhux mill-appellanti, "u b'hekk kisret il-prinċipju ta' trattament ugwali u d-dritt għal smigħ xieraq".

57 Il-Kummissjoni preliminarjament tistaqsi dwar iċ-ċarezza tal-argumentazzjoni mressqa mill-appellanti insostenn ta' dan l-aggravju. Barra minn hekk, skont

il-Kummissjoni, l-appellanti ma kkritikatx fl-ewwel lok il-fatt li d-deċiżjoni inkwistjoni prinċipalment wieġbet għall-argumenti ta' Elf Aquitaine. Hija ssostni li t-tielet aggravju għaldaqstant jikkostitwixxi motiv ġdid, inammissibbli fl-istadju tal-appell.

58 Fuq il-mertu, il-Kummissjoni tqis li l-fatt li l-Qorti Ġenerali kienet eżaminat il-motivazzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni fid-dawl biss tal-argumenti ta' Elf Aquitaine ma jippreġudikax lill-appellanti. Peress li l-argumenti ta' Arkema kellhom f'kull każ jiġu miċħuda, dan l-aggravju huwa ineffettiv.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

59 Skont ġurisprudenza stabbilita, mill-Artikolu 256 TFUE, mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u mill-Artikolu 112(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li appell għandu jindika b'mod preċiż l-elementi kkritikati tas-sentenza li qiegħed jintalab l-annullament tagħha kif ukoll l-argumenti legali li jsostnu b'mod speċifiku din it-talba (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, Knauf Gips vs Il-Kummissjoni, C-407/08P, Ġabra p. I-6375, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60 F'dan il-każ, l-appell ċertament jippermetti li jiġi identifikat l-element ikkritikat tas-sentenza appellata, jiġifieri l-punti 121 sa 129 tiegħu.

61 Mandankollu, għandu jiġi kkonstatat li l-argumentazzjoni insostenn ta' dan l-aggravju ma hijiex biżżejjed ċara u preċiża sabiex tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita l-istħarriġ tal-legalità tagħha. Fil-fatt, l-elementi essenzjali li fuqhom dan l-aggravju huwa msejjes ma jirriżultawx b'mod suffiċjentement koerenti u li jinftiehem mit-test ta' dan l-appell, li huwa fformulat b'mod oskur u ambigwu f'dan

ir-rigward. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax teżerċita l-istħarriġ tal-legalità tagħha, taħt piena li tiddeċiedi *ultra petita* (ara b'mod partikolari, is-sentenzi tat-2 ta' Ottubru 2003, Thyssen Stahl vs Il-Kummissjoni, C-194/99 P, Ġabra p. I-10821, punt 106; tal-11 ta' Settembru 2007, Lindorfer vs Il-Kunsill, C-227/04 P, Ġabra p. I-6767, punt 83; tal-14 ta' Jannar 2010, Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Ċeka, C-343/08, Ġabra p. I-275, punt 26, kif ukoll tal-14 ta' Ottubru 2010, Nuova Agricast u Cofra vs Il-Kummissjoni, C-67/09 P, Ġabra p. I-9811, punti 48 u 49).

62 Anki jekk kellu jiġi preżunt li dan l-aggravju għandu jiġi interpretat bħala li jinvoka ommissjoni minn naħa tal-Qorti Ġenerali li tissanzjona allegat nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni minn naħa tal-Kummissjoni tal-provi prodotti mill-appellanti, għandu jiġi kkonstatat li tali kritika tikkostitwixxi motiv ġdid li jista' jbiddel is-suġġett tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali.

63 Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mill-proċess tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, permezz tar-rikors tagħha l-appellanti sostniet biss fl-ewwel istanza li d-deċiżjoni inkwistjoni kienet prinċipalment wieġbet għall-argumenti ta' Elf Aquitaine.

64 Issa, skont l-Artikolu 113(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-appell ma jistax ibiddel is-suġġett tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali. Għaldaqstant, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-appell, hija fil-fatt limitata għall-evalwazzjoni tas-soluzzjoni legali li ngħatat għall-motivi dibattuti quddiem l-ewwel istanza. Għaldaqstant parti ma tistax tbiddel is-suġġett ta' din il-kawża billi tqajjem għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja motiv li hija setgħet tqajjem quddiem il-Qorti Ġenerali, iżda li hija ma qajmitx, peress li dan iwassal sabiex jippermettilha tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li l-ġurisdizzjoni tagħha fil-qasam tal-appell hija limitata, kawża b'ambitu ikbar minn dik li tressqet quddiem il-Qorti Ġenerali (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-1 ta' Ġunju 1994, Il-Kummissjoni vs Brazzelli Lualdi *et*, C-136/92 P, Ġabra p. I-1981, punt 59; tat-30 ta' Marzu 2000, VBA

vs VGB *et*, C-266/97 P, Ġabra p. I-2135, punt 79, kif ukoll tal-14 ta' Ottubru 2010, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni, C-280/08 P, Ġabra p. I-9555, punt 34). Tali motiv għandu għaldaqstant jiġi kkunsidrat bħala inammissibbli fl-istadju tal-appell.

65 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tielet aggravju għandu jiġi miċħud.

*Fuq ir-raba' aggravju, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità*

L-argumenti tal-partijiet

66 Skont l-appellanti, il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' proporzjonalità meta vvalidat il-metodu ta' kalkolu użat mill-Kummissjoni biex tiddetermina l-komponent kostituttiv tas-sanzjoni pekunjarja relatata mar-reċidività ta'Arkema. Dan il-metodu jimplika teħid inkunsiderazzjoni doppju tad-dħul mill-bejgħ ta' Arkema, fil-kalkolu tal-bażijiet rispettivi li fir-rigward tagħhom huma applikati l-koeffiċċjenti ta' multiplikazzjoni użati għal Elf Aquitaine u Arkema bħala fattur ta' dissważjoni. Il-Qorti Ġenerali ma kkontestatx l-eżistenza ta' dan il-kalkolu doppju, iżda ġġustifikatu bil-ħtieġa tal-Kummissjoni li timxi mal-metodu ta' kalkolu tal-linji gwida, u b'hekk tat, lil dawn tal-aħħar "saħħa vinkolanti assoluta" li huma ma għandhomx.

67 Skont il-Kummissjoni, ir-raba aggravju huwa bbażat fuq ftehim ħażin tad-deċiżjoni inkwistjoni.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

68 Dan l-aggravju huwa essenzjalment ibbażat fuq l-ilment li l-Qorti Ġenerali naqset milli tissanzjona "kalkolu doppju" ipprojbit tad-dħul mill-bejgħ ta' Arkema fid-deċiżjoni inkwistjoni.

69 Madankollu, dan l-ilment huwa bbażat fuq qari żbaljat kemm tad-deċiżjoni inkwistjoni kif ukoll tas-sentenza appellata.

70 Hekk kif jirriżulta mill punt 6 ta' din is-sentenza, fid-deċiżjoni inkwistjoni, il-Kummissjoni qieset, essenzjalment, li l-appellanti biss kellha tiġi ssanzjonata minħabba reċidività u mhux il-kumpannija parent tagħha, Elf Aquitaine, peress li din tal-aħħar ma kinitx tikkontrolla lill-appellanti fiż-żmien tal-ewwel ksur. Għaldaqstant hija imponiet, barra l-multa ta' EUR 45 miljun imposta flimikien u *in solidum* fuq Elf Aquitaine u fuq l-appellanti, multa separata ta' EUR 13.5-il miljun fuq l-appellanti biss sabiex tieħu konjizzjoni tal-aġir reċidiv tagħha.

71 Hekk kif jirriżulta b'mod partikolari mill-punt 204 tas-sentenza appellata, billi ffissat l-ammont ta' din l-aħħar multa, il-Kummissjoni segwiet metodu bbażat fuq dak li jirriżulta mil-linji gwida tas-sena 1998

72 Skont dan il-metodu, il-partijiet li jikkostitwixxu multa relatati ma' ċirkustanzi aggravanti, bħar-reċidività, huma kkalkolati abbażi ta' "ammont bażiku" li huwa stess huwa kkalkolat fuq il-bażi ta' "ammont inizjali" miżjud b'fattur ta' multiplikazzjoni relatat mat-tul tal-ksur.

73 Essenzjalment, dan l-ammont inizjali huwa stabbilit abbażi tal-gravità tal-ksur u tal-impatt reali fuq il-kompetizzjoni tal-aġir li jikkostitwixxi ksur tal-entità kkonċernata. Jekk ikun il-każ, fid-dawl tal-kapaċità ekonomika effettiva tal-entità ikkonċernata, dan l-ammont jista' jiġi aġġustat bil-għan li tiġi żgurata n-natura suffiċjentement dissważiva tal-multa.

74 Essenzjalment, mill-punt 199 tas-sentenza appellata jirriżulta li, sabiex tikkalkola l-ammont tal-multa imposta fuq l-appellanti biss, il-Kummissjoni qagħdet attenta li tevita li tieħu inkunsiderazzjoni, sabiex taġġusta, bħala dissważjoni, l-ammont inizjali li jservi ta' bażi għal din il-multa, koeffiċjent li ma jirriflettix il-kapaċità ekonomika effettiva tal-appellanti meħuda indipendentement mill-kumpannija parent tagħha, Elf Aquitaine.

75 Għaldaqstant, in-nota ta' qiegħ il-paġna 222 tad-deċiżjoni inkwistjoni, riprodotta fil-punt 199 tas-sentenza appellata, tindika:

"[…] Il-fattur ta' multiplikazzjoni applikat għal Elf [Aquitaine], ta' 2.5, ma huwiex inkluż fil-kalkolu. Minfloku, fattur ta' multiplikazzjoni ta' 1.5, li kien jiġi applikat li kieku [Arkema] kienet l-unika destinatarja tad-deċiżjoni (fid-dawl tad-dħul mill-bejgħ dinji tagħha ta' EUR 17.8-il miljun) ser jintuża għall-finijiet [tal-] kalkolu tar-reċidività. […]".

76 Fi kliem ieħor, bil-għan li tiffissa l-ammont inizjali għall-kalkolu tal-multa li għandha tiġi imposta fuq il-kumpannija Arkema biss, il-Kummissjoni użat fattur ta' multiplikazzjoni ipotetiku ta' 1.5 — differenti mill-koeffiċjent ta' 2.5 użat fil-kalkolu tal-multa imposta flimkien u *in solidum* fuq Elf Aquitaine u fuq Arkema -, u dan sabiex tieħu inkunsiderazzjoni l-iżgħar kapaċità ekonomika ta' din l-aħħar entità kkunsidrata waħeda, indipendentement mill-kumpannija parent tagħha.

77 Sussegwentement, hekk kif jirriżulta, essenzjalment, mill-punti 9, 16 sa 21 u 203 tas-sentenza appellata, il-Kummissjoni applikat dan il-fattur ta' multiplikazzjoni ipotetiku ta' 1.5, irreferit, fl-imsemmi punt 203, bħala "koeffiċjent ta' multiplikazzjoni għal finijiet ta' dissważjoni " lil ammont inizjali — ukoll ipotetiku fil-kuntest tal-kalkolu tal-multa imposta fuq il-kumpannija Arkema biss — ta' EUR 12-il miljun, li ġie stabbilit abbażi tal-gravità tal-ksur inkwistjoni u tal-piż relatat ta' Arkema fir-rigward tal-parteċipanti l-oħra fil-ksur inkwistjoni. Il-prodott ta' dawn iż-żewġ ċifri (EUR 18-il miljun) sussegwentement żdied b'150 %, minħabba t-tul tal-ksur, li, fil-każ tal-appellanti, kien meqjus li dam mill-1 ta' Jannar 1984 sas-7 ta' Mejju 1999.

78 L-"ammont bażiku" li jirriżulta mill-operazzjonijiet deskritti fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza, jiġifieri EUR 45-il miljun, huwa, hekk kif irrilevat il-Qorti Ġenerali fil-punt 203 tas-sentenza appellata, ipotetiku. Dan iservi biss għall-kalkolu tal-ammont tal-multa li għandha tiġi imposta biss fuq il-kumpannija Arkema minħabba aġir reċidiv.

79 Barra minn hekk, hekk kif il-Kummissjoni tfakkar ġustament, huwa biss b'koinċidenza li dan l-ammont bażiku ipotetiku huwa ekwivalenti għall-ammont finali tal-multa separata li kienet ġiet imposta flimikien u *in solidum* fuq l-appellanti u fuq Elf Aquitaine.

80 Huwa biss abbażi ta' dan l-ammont bażiku ipotetiku li l-Kummissjoni setgħet tikkalkola l-ammont dovut minħabba aġir reċidiv minn naħa tal-appellanti biss, ikkunsidrata separatament mill-kumpannija parent tagħha.

81 Hekk kif il-Qorti Ġenerali fakkret fil-punt 201 tas-sentenza appellata, skont il-punti 2 u 3 tal-linji gwida tas-sena 1998, il-Kummissjoni, wara li tkun iddeterminat l-ammont bażiku tal-multa b'kunsiderazzjoni għall-gravità u għat-tul tal-ksur, tipproċedi, skont il-każ, għal żieda u għal tnaqqis ta' dan l-ammont abbażi ta' ċirkustanzi aggravanti jew attenwanti.

82 F'dan il-każ, hekk kif ikkonstatat il-Qorti Ġenerali, essenzjalment, fil-punt 203 tas-sentenza appellata, il-Kummissjoni effettivament applikat koeffiċjent ta' 50 % minħabba r-reċidività tal-appellanti, lil dan l-ammont bażiku ipotetiku ta' EUR 45-il miljun.

83 Din l-operazzjoni tat ċifra li tista' tiġi attribwita lill-aġir reċidiv tal-appellanti biss, ikkunsidrata separatament minn Elf Aquitaine, ta' EUR 22.5 miljun.

84 Issa, hekk kif jirriżulta mill-punti 26 sa 28 tas-sentenza appellata, il-Kummissjoni, peress li qieset li l-appellanti setgħet tgwadi minn tnaqqis sinjifikattiv fl-ammont tal-multa tagħha, skont l-ewwel u t-tieni inċiż tal-punt D 2 tal-komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni, tatha tnaqqis ta' 40 % mill-ammont tal-multa li kienet tiġi imposta fuqha fin–nuqqas ta' kooperazzjoni mas-servizzi tal-Kummissjoni.

85 Għaldaqstant minn ammont ta' EUR 22.5 miljun, l-ammont tal-multa li finalment ġiet imposta fuq Arekema, skont l-Artikolu 2(d) tad-deċiżjoni kkontesta, kien ta' EUR 13.5-il miljun.

86 F'dawn iċ-ċirkustanzi, sa fejn id-dħul mill-bejgħ ta' Arkema ttieħed inkunsiderazzjoni, minn naħa, għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont bażiku li fuqu kienet ibbażata l-multa imposta flimkien u *in solidum* fuq Elf Aquitaine u fuq l-appellanti u, min-naħa l-oħra, biex jiġi kkalkolat l-ammont tal-multa imposta fuq l-appellanti biss minħabba l-aġir reċidiv tagħha, il-Kummissjoni ma wettqitx, għall-kuntrarju ta' dak li tallega l-appellanti, "teħid inkunsiderazzjoni doppju" sproporzjonat li l-Qorti Ġenerali kien imissha ssanzjonat.

87 Barra minn hekk l-appellanti tilmenta li l-Qorti Ġenerali wettqet, fil-punt 205 tas-sentenza appellata, żball ta' liġi billi interpretat il-linji gwida tas-sena 1998 bħala li għandhom forza vinkolanti assoluta.

88 Ċertament jirriżulta mill-ġurisprudenza, hekk kif tirrileva Arkema, li l-linji gwida tas-sena 1998 jistabbilixxu biss regoli ta' kondotta indikattivi tal-prattika li għandha tiġi segwita li minnhom l-amministrazzjoni ma tistax titbiegħed, f'każ partikolari, mingħajr ma tagħti raġunijiet li huma kompatibbli mal-prinċipju ta' trattament ugwali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02P, C-202/02P, C-205/02P sa C-208/02P u C-213/02P, Ġabra p. I-5425, punti 209 u 210).

89 Madankollu, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tal-appellanti, fil-punt 205 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali bl-ebda mod ma attribwiet b'mod illegali "forza vinkolanti assoluta" lil dawn il-linji gwida.

90 Fir-realtà, tali approċċ huwa bbażat fuq qari selettiv, kif ukoll żbaljat, ta' dan il-punt 205.

91 Fil-fatt, mill-kliem stess ta' dan l-istess punt 205, stabbilit fil-punt 21 ta' din is-sentenza, jirriżulta li l-Qorti Ġenerali sempliċiment ikkonstatat, essenzjalment, li, "jekk hija ma riditx titbiegħed mill-metodu ta' kalkolu tal-linji gwida [tas-sena 1998]", il-Kummissjoni kienet meħtieġa ssegwi l-metodoloġija stabbilita hawn fuq, billi tikkalkola mill-ġdid "ammont bażiku ipotetiku".

92 Għaldaqstant il-Qorti Ġenerali bl-ebda mod ma eskludiet li l-Kummissjoni, jekk ikun il-każ, b'osservanza tad-dritt tal-Unjoni u bl-għoti ta' motivazzjoni adatta insostenn ta' dan, tista' tuża metodoloġija oħra għall-kalkolu tal-multi fil-qasam tad-dritt tal-Unjoni tal-kompetizzjoni.

93 Barra minn hekk, fil-punt 207 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, peress li l-Kummissjoni ma kinitx obbligata tapplika formola matematika preċiża u kellha setgħa diskrezzjonali fid-determinazzjoni tal-ammont tal-multa, hija setgħet

tieħu inkunsiderazzjoni d-differenza fil-kapaċità ekonomika billi tapplika koeffiċjent ta' multiplikazzjoni ta' 1.5 għal Arkema u ta' 2.5 għall-grupp ta' Elf Aquitaine kollu, mingħajr ma tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità.

94 Fir-rigward tal-għażla ta' dawn il-koeffiċjenti ta' multiplikazzjoni ta' 1.5 u ta' 2.5, l-appellanti ma tikkontestax il-mod li bih dawn ġew stabbiliti lanqas il-livell tagħhom, u essenzjalment tafferma biss li l-applikazzjoni tagħhom wasslet għal teħid inkunsiderazzjoni doppju pprojbit tad-dħul mill-bejgħ tagħha.

95 Minn dan jirriżulta li r-raba' aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

96 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, hemm lok li dan l-appell jiġi miċħud kollu kemm hu.

**Fuq l-ispejjeż**

97 Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 118 ta' dawn l-istess Regoli, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li Arkema tilfet, hemm lok li hija tiġi ordnata tbati l-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-appell huwa miċħud.**

2) **Arkema SA hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Firem